MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2009

Citazzjoni Numru. 1948/2000/1

Carmel *sive* Charles **BARTOLO** f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' ħutu l-imsefrin Salvatore u John aħwa Bartolo

vs

Joseph **BARTOLO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrat eżekutat Joseph Bartolo fit-23 ta' Frar, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li l-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrih fuq talba tal-intimat Carmel Bartolo *proprio* u *nomine* (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-eżekutant"), jitħassar għal kollox għaliex l-ammont mitlub fil-mandat ma huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv u għaliex m'huwiex raġonevoli aktar li l-istess Mandat jinżamm fis-seħħ; talab ukoll biex, f'każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġuni tajba biex tħassar il-Mandat, għallanqas torbot lill-eżekutant bl-għoti ta' garanzija fiż-żmien minnha stabilit, għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-Kodiċi, fin-nuqqas ta' liema għoti ta' garanzija l-Mandat jaqa';

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2001, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-3 ta' April, 2001;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti tal-Mandat u tal-Kawża li għalihom jirreferi r-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Novembru, 2001, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

Rat ukoll l-atti tar-Rikors numru 830/07JRM li jirreferi għall-istess Mandat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent irid ineħħu minn fuqu għal kollox l-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-eżekutant ħareġ kontrih fl-14 ta' Frar, 2001[1]. Il-Mandat inħareġ dwar kreditu ta' ħamsin elf lira Maltija (Lm 50,000)[2] fuq il-kawżali ta' "kif dedott aħjar f'Ċitazzjoni numru 1948/00JRM fl-ismijiet Carmel *sive* Charles Bartolo *proprio et noe* vs Joseph Bartolo". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil sitt (6) sekwestratarji, erba' minnhom banek kummerċjali. Bank wieħed biss iddikjara li kien iżomm flus jew depożiti f'isem l-eżekutat (l-HSBC Bank Malta p.l.c. fis-somma ta' Lm 899.30)[3];

Illi r-rikorrent eżekutat iqis li l-imsemmi Mandat għandu jitwaqqa' għaliex min-natura nnifisha tal-Kawża li in kawtela tagħha ntalab il-ħruġ tal-Mandat, jidher li l-ammont mitlub fl-istess Mandat mad-daqqa t'għajn m'huwiex mistħoqq u fuq kollox huwa eċċessiv. Dan minbarra l-fatt li t-talba mressqa fl-imsemmija kawża hija waħda għal għoti ta' rendikont u m'hijiex talba li tispeċifika l-ħlas ta' kreditu, kif iridu l-artikoli 375 u 849 tal-Kapitolu 12;

[1] Dok "SEK", f'paġġ. 4 – 7 tal-atti
[2] Li jġibu € 116,468.67 fi flus tal-lum
[3] Li jġibu € 2,094.81fi flus tal-lum

Illi, minkejja li formalment naqas li jressaq Tweġiba, l-intimat eżekutant iwarrab l-ilmenti tar-rikorrent u jgħid li ma hemm l-ebda raġuni tajba biex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-eżekutat, u dan għaliex il-pretensjonijiet tiegħu fl-atti tal-kawża 1948/00JRM jissarfu f'somma li jmissha tispiċċa f'idejh hekk kif l-eżekutat jagħti r-rendikont mitlub;

Illi r-raġunijiet imressqa mir-rikorrent bħala dawk li għalihom huwa qiegħed jitlob ir-rimedji msemmijin fir-rikors tagħhom huma: (a) li l-ammont imsemmi bħala kreditu fil-Mandat m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew huwa eċċessiv[4], u (b) li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat jew parti minnu jew li m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli[5];

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[6]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'għandhiex tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet lanqas f'dan l-istadju, liema eżerċizzju huwa mħolli meta din il-Qorti tisma' l-kawża fil-waqt xieraq tagħha;

Illi issa l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha

[4] Art 836(1)(d) tal-Kap 12
[5] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[6] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***

tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[7];

Illi, kif imgħad, ir-rikorrent eżekutat isemmi żewġ kawżali biex isostni l-ewwel talba tiegħu, jiġifieri:

A) <u>Li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. F'dan ir-rigward ir-rikorrent eżekutat isostni li, mill-atti u mill-provi mressqa, għandu jidher mad-daqqa t'għajn li l-ammont mitlub fil-Mandat mill-eżekutant m'huwa mistħoqq xejn. Huwa jgħid li, jekk wieħed kellu joqgħod għax-xhieda mressqa jirriżulta li d-dħul waħdieni mill-assi tal-wirt li huwa kien jamministra kien xi ħlas ta' meżżadrija miruta minn wieħed mill-fondi. Sehem l-eżekutant minn dan il-ġid huwa ta' terz ($^{1}/_{3}$). Minbarra dan, matul is-smigħ tar-rikors, l-eżekutant bieda jsemmi kawżali li m'għandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawża 1948/00, imma mal-kawża tal-qsim tal-wirt[8] jew ma' pretensjonijiet li ma jinqabdux fl-ambitu tal-amministrazzjoni tal-eżekutat[9];

Illi, min-naħa tiegħu, l-eżekutant jiċħad dan kollu u jgħid li l-pretensjonijiet tiegħu fil-ħruġ tal-mandat jirrigwardaw it-tmexxija tal-assi kollha tal-wirt, u mhux biss ir-rendikont tal-ġbir tad-dħul minn dak il-wirt;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-

[7] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[8] Ċitazz. Nru. 2386/98GCD
[9] Ara, per eżempju, Dokti "CB1" u "CB2", f'paġġ. 36 – 8 tal-atti

Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[10];

Illi minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-eżekutat għandu raġun jgħid li s-somma msemmija fil-Mandat m'hijiex waħda mistħoqqa. Il-kalkoli u x-xhieda li ressaq l-eżekutant ma jirrigwardawx l-amministrazzjoni bħala tali, imma l-konsistenza tal-wirt u d-dħul li suppost ikun ġenerat minn min qiegħed iżomm f'idejh ir-razzett[11]. Fuq kollox, b'verbal magħmul fit-8 ta' Novembru, 2001, il-partijiet iddikjaraw li l-kawża li a bażi tagħha ntalab il-ħruġ tal-mandat kellha tieqaf tistenna kif ser tinqata' l-kawża tal-qsim tal-wirt. Din it-tieni kawża ma wasletx għas-sentenza għaliex waqgħet deżerta u sal-lum ma reġgħetx inbdiet b'xi wieħed mill-modi maħsuba mil-liġi;

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[12] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti issib li t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

Illi minħabba f'dan, m'huwiex il-każ li l-Qorti tistħarreġ ukoll jekk huwiex mistħoqq li l-Mandat jibqa' fis-seħħ, għaliex il-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-eżekutat;

[10] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[11] Wieħed Frans Caruana jew l-aventi kawża tiegħu
[12] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

Illi l-istess jingħad dwar it-talba alternativa tal-eżekutat. Minħabba li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[13], ma hemmx bżonn li l-Qorti tgħaddi biex tistħarreġ jekk kemm-il darba jeżistux l-elementi biex torbot lill-eżekutant bl-għoti ta' garanzija kif maħsub bl-artikolu 838A tql-Kodiċi Proċedurali;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tar-rikorrent u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 413/01 maħruġ fl-14 ta' Frar, 2001, fl-ismijiet "*Carmel sive Charles Bartolo f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' ħutu l-imsefrin Salvatore u John aħwa Bartolo vs Joseph Bartolo (ID Nru. 249549M)*", bl-ispejjeż kontra l-intimat eżekutant *proprio* u *nomine*;

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[13] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***